MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2002

Rikors Numru. 28/2001/1

**Emanuel Hayman u martu Monica Hayman ghal kull interess li jista jkollha**

**Vs**

**Mary Rose Flores f'isimha propju u ghan-nom ta' uliedha Gavril u Svetlick Joseph Flores**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

1. Illi l-esponenti jikru l-istore 38, (illum 39), Triq Cospicua Fgura propjeta tal-intimati versu l-kera ta' erbghin lira maltin (Lm40) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-qudiem mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Dicembru u mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Gunju;

2. Illi b'ittra interpellatorja datata 14 ta' Marzu 2001 l-intimati nnotifikaw u avvzaw lill-esponenti Emanuel Hayman illi b'effett mill-iskadenza li jmiss ta' l-1 ta' Lulju 2001 il-kera tal-fond imsemmi kellu jigi awmentat ghall-

mitejn lira maltin (Lm200) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;

3. Illi l-esponenti ma jaqblux li dan it-tibdil ghandu jidhol fis-sehh;

Ghaldaqstant l-esponenti a tenur tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta jitolbu illi dan il-Bord jichad l-awment indikat fl-ittra interpelaltorja datat 14 ta' Marzu 2001.

Ra r-risposta;

Illi in linea procedurali l-okkju ghandu jigi korrett biex jirrifletti l-fatt li l-esponent Svetlick Joseph Flores huwa maggorenni.

Illi fil-meritu t-talba tar-rikorrnti ghac-cahda tal-awment mitlub ghandha tigi respinta billi l-kera mitlub jirrispekkja l-valur lokatizju odjern tal-fond in kwistjoni li huwa fond mikri ghal skop kummercjali.

Ra d-digriet tieghu tat-30 ta' Mejju 2001 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u AIC John Sciberras.

Ra r-relezzjoni ta' l-imsemmija periti.

Billi mir-relazzjoni ta' l-imsemmij periti jirrizulta li l-kera xieraq hu ta' tmienja u hamsin lira fis-sena (art 4 tal-Kap 69 jiffissa l-kera xieraq fl-ammont ta' tmienja u hamsin lira (Lm58) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta' Lulju 2001 xoghol ta' manutenzjoni ordinarju ghandu jkun a karigu tal-kerrej, xoghol iehor a karigu tas-sid. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza. Spejjez bin-nofs lejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------